# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2016

Appell Nru. 136/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mark Alexander Baker**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Mark Alexander Baker, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 192178M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn il-25 ta' Settembru u it-23 t'Ottubru, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Hilda Bray is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2016 li biha sabet lill-imsemmi Mark Alexander Baker hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Alexander Baker, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena w imputazzjoni skond il-Ligi u b'mod alternattiv, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz u/jew jekk dina l-Onorabbli Qorti hekk tara xieraq, u in vista tal-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja istitwiti mill-esponent ghar-revoka jew riforma tad-digriet tal-manteniment, tissoprassjedi sakemm l-ezitu tal-imemmija proceduri jkun maghruf imbaghad tipprocedi kif tara xieraq u opportun.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern, l-appellant jikkwerela s-sentenza tal-ewwel Qorti fuq tlett aggravji izda fis-seduta tal-5 ta' Dicembru huwa irtira l-aggravji principali u zamm ferm dik dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti. Issa l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant

ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dak il-manteniment lamentat fl-imputatazzjoni;

2. Issa ukoll ghalkemm l-appellant, wara li rrinunzja ghall-ewwel zewg aggravji tieghu, jitqies illi ma huwiex jikkontesta s-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti, u ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

3. Il-kwistjoni odjerna hija differenti minn dik fejn appellant jghid li kien fl-impossibilita' li jhallas minghajr ma jkun talab ghal varjazzjoni fid-digriet li bih kien ordnat ihallas dik ir-retta alimentari. Dan ghaliex filwaqt illi jghid illi kien f'dik l-impossibilita' huwa kien inizzja proceduri ghal dan l-iskop. Strettament l-appellant xorta wahda jibqa' tenut ma' dik l-ordni sakemm ikun hemm varjazzjoni fiha. Minkejja dan, izda, la darba huwa hallas il-manteniment minn dovut, l-appell kwantu jirreferi ghal-piena kominata ser ikun milqugh;

4. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghat-thassir u revoka tas-sentenza appellata kif ukoll ghas-soprassessjoni f'dawn il-proceduri, tilqa' l-appell kwantu ghar-riforma tas-sentenza billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' tletin (30) euro ammenda.

Giovanni Grixti

Imhallef